MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-16 ta' April, 2010

Talba Numru. 77/2008

**Val Valente (K.I. 530838M)**
**vs**
**Ivan Azzopardi**

It –Tribunal,
Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta' somma ta' elfejn seba' mija tmienja u tmenin ewro u hamsa u ghoxrin ewro centezmu (€2788.25) rapprezentanti terz tal-valur tal-effetti mobbli elenkati fid-dokument anness mat-talba mmarkat dokument A, liema effetti tgharrqu ghal kollox minhabba l-agir negligenti tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra legali datata 22 ta' Awissu, 2007 u tal-ittra ufficjali mahruga ai termini tal-artiklu 166A kapitlu 12 tal-ligijiet ta' Malta annessi mat-talba u mmarkati B u C, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali fuq imsemmija cioe' 28 ta' Novembru, 2007 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta sollevata mill-konvenut fejn qal li l-attur irid jipprova l-allegat negligenza tal-konvenut u dan peress illi l-konvenut jinsisti li ma tista' tigi addebitata l-ebda responsabbilita' fil-konfront tieghu ghall-akkadut.

Illi l-attur ma kellu l-ebda jedd li jistiva oggetti mobbli proprjeta' tieghu fil-partijiet komuni tal-blokk fejn sehh l-incident.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur irid jipprova li nkorra danni rejali fl-ammont mitlub minnu fit-talba.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Ra x-xhieda ta' Val Valente u Ivan Azzopardi.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:-**

Illi din il-kawza titratta dwar allegati hsarat subiti f'mobbli appartenenti lill-attur rizultat ta' perkolazzjoni ta' ilma minn wiehed mill-pajpiiet ta' l-ilma li kienu jinsabu fl-istess kamra fejn kienu stivati dawn il-mobbli. Illi l-oggetti gew stivati fil-*meter room* ta' blokk appartamenti fejn jabitaw il-partijiet. Din il-kamra hija in komuni bejn l-abitanti kollha tal-blokk. Jirrizulta li r-residenti inkluz il-konvenut ma kienux oggezjonaw li l-attur jistiva oggetti personali tieghu f'din il-kamra u ghalhekk it-Tribunal jirrilleva li l-attur kellu l-kunsens ta' kulhadd .

Mill-provi tal-attur jirrizulta li kien hemm xi perkolazzjoni ta' ilma mill-pajpijiet tal-*main* ta' l-ilma tal-appartament tal-konvenut bir-rizultat illi fil-kamra fejn jinsabu il-*meters* tal-blokk giet mgharrqa xi sitt piedi u l-attur sofra hsarat f'apparat li huwa kellu stivat hemm hekk. Illi mill-provi jirrizulta li l-kamra tal-*meters* kienet fdata lill-attur bil-kunsens unanimu tas-sidien tal-appartamenti kollha fil-blokk inkluz il-konvenut. Illi ghalkemm jirrizulta li l-attur kellu l-permess jistiva oggetti personali tieghu fil-kamra tal-*meters,* ma jirrzultax illi r-residenti tal-blokk ftehmu x'kellu jigri jekk kemm-il darba l-mobbli jgarrbu xi hsarat.

Illi skont l-attur l-ammont mitlub minnu huwa terz tal-prezz originali tal-apparat elenkat mill-attur.

Jirrizulta li l-konvenut kien spjega lill-attur illi huwa kellu xi hsarat fil-pajpijiet ta' l-ilma u meta mar jaghlaq il-*meter* tqaccat u gie f'idu. Illi t-Tribunal jirrilleva li gewwa kamra tal-*meters* jinsabu kemm hafna *wires* ta' l-elettriku kif wkoll hafna pajpijiet kemm tal-elettriku kif ukoll ta' l-ilma. Illi *meter room* hija kamra mibnija apposta ghal *meters* u ma messux kien hemm xejn iktar f'din il-kamra. Illi gara li fil-kaz in kwistjoni pajp fejn kien hemm imwahhal il-*meter* ta' l-ilma appartenenti lill-konvenut infaqa' bil-konsegwenza li l-mobbli stivati f'dak il-post igarrbu xi hsarat konsiderevoli.

Illi fil-fehma tat-Tribunal meta l-attur stiva l-oggetti tieghu f'din il-kamra, kien ha riskju ghaliex kalamita` bhal dik li nqalghet kienet prevedibbli. Illi mill-provi ma jirrizultax illi l-attur kien ha xi prekawzjonijiet sabiex jistiva l-oggetti inkluz apparat elettroniku 'l fuq mill-art izda stivahom direttament mal-art. Illi fil-fehma tat-Tribunal dan kien nuqqas min-naha tal-attur u ma jistax jifhem kif l-attur ma basarx illi incident simili facilment seta' jakkadi.

It-Tribunal huwa tal-fehma li meta r-residenti tal-blokk accettaw illi l-attur iqieghed xi oggetti f'din il-kamra in komuni, ma jfissirx illi huma kienu disposti jaghmlu tajjeb ghal xi hsarat li seta' jgarrab minhabba xi kalamita`.

Illi kamra tal-*meters* hija principalment ghall-qari tal-meters, fejn jinsabu kemm sensiela ta' pajpijiet ta' l-ilma u kemm sensiela ta' *wires* tad-dawl. Din il-kamra ma hijiex intiza sabiex jigu stivati xi oggetti u fil-fehma tat-Tribunal jekk kemm-il darba jigu stivati xi oggetti dawn l-oggetti huma r-responsabbilita' ta' min ikun qieghed jistiva.

It-Tribunal jidhirlu li jekk kemm-il darba l-attur kellu xi apparat elttroniku u ta' certu sensitivita' dan ma kellux jitqieghed ma' l-art u kellu semmaj jigi stivat 'l fuq mill-art sabiex jigu evitati incidenti bhal dawk li sehhew. Illi l-fatt illi hallihom ma' l-art huwa indikattiv ta' traskuragni da parti tal-attur.

Illi huwa kien jaf illi primarjament l-kamra tintuza ghal qari tal-*meters* u li kien hemm il-possibilita' li jinfaqa' pajp. Illi b'ammissjoi stess tal-attur huwa hassu komdu ihalli l-oggetti tieghu fil-kamra tal-*meters* tant illi hassu komdu li jistiva dawn l-oggetti direttament ma' l-art.

Illi fil-fehma tat-Tribunal kull min ihalli xi oggetti personali tieghu f'kamra bhal ma hija *meter room* ikun qieghed ihallihom fir-riskju tieghu. Illi *meter room* ma hijiex intiza bhala *store room*. Gharghar ta' xi tip seta' jkun mistenni minn hin ghall-iehor kif fil-fatt gara izda qatt ma jista' jigi addebitat lill-konvenut li huwa agixxa b'xi mod negligenti.

Illi fil-kaz in kwistjoni wara li sema' u evalwa l-provi, t-Tribunal huwa konvint illi l-akkadut kien accidentali u li l-konvenut ma jistax jigi addebitat lilu negligenza. Illi huwa l-attur li kien negligenti u traskurat meta' stiva oggetti personali tieghu, ta' certu valur u ta' sensitivita' elettronika, direttament ma' l-art f'kamra intiza principalment ghall-pajpijiet ta' l-ilma, minghajr ha l-ebda prekawzjoni. Fil-fehma tal-attur huwa l-attur li wera traskuragni u negligenza. Jista' jinghad, li seta' jkun il-kaz ukoll, illi l-oggetti li kienu jinsabu hemm fil-fatt ma kienux ta' valur ghall-attur . Illi galadarba l-attur kellu oggetti ta' certu valur dawn messhom gew stivati sewwa, iktar u iktar, jekk kienu ha jkunu fil-kamra tal-*meters* b'sensiela ta' pajpijiet ta' l-ilma imdendlin mal-hitan. Illi l-uniku tort ghall-akkadut ghandu jigi addebitat lill-attur ghall-agir traskurat tieghu. Illi ghalkemm l-oggetti kienu qieghdin hemm bil-kunsens ta' kulhadd inkluz l-konvenut dawn kienu hemm ghar-riskju tieghu.

Illi jidhirlu wkoll illi jekk kemm-il darba l-attur kellu oggetti ta' certu valur, huwa kellu d-dover li javza lill-partijiet kollha u li huma kienu ha jinzammu responsabbli ghall-oggetti stivati jekk kemm-il darba dawn isofru xi hsarat. Certament, illi jekk kieku kien il-kaz, l-ebda mis-sidien ma kien ha jaghtih il-kunsens li jistiva l-oggetti tieghu minghajr hlas jew minghajr polza assikurativa relattiva.

Fil-fehma tat-Tribunal, ma jhossx illi l-konvenut f'din l-istanza ghandu jinzamm responsabbli ghall hsarat li sofra l-attur.

Ghaldaqstant, b'sens ta' gustizzja u ekwita jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez a karigu ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------